# L-ORDNI TA' SAN ĠWANN
## U L-LINGWI TIEGĦU

**Ftit Storja**

L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann jaf il-bidu tiegħu qrib is-sena 1048 A.D., fil-Belt ta' Ġerusalemm u taħt it-tmexxija tal-Beatu Gerard li nistgħu nqisuh bħala l-ewwel Gran Mastru.

Biż-żmien dan l-Ordni ta' reliġjużi beda jissejjaħ Ospidalier għaliex kien jieħu ħsieb l-isptarijiet. Imma barra din il-ħidma, dan l-Ordni beda wkoll jiddefendi bl-armi lill-morda u postijiet fl-Art Imqaddsa. B'hekk huwa sar ukoll Ordni Militari. Iktar tard, bħala l-insinja ta' dan l-Ordni ġdid, ġie adottat is-Salib abjad tat-Tmien ponot.

Fil-bidu tas-Seklu 14, nobbli minn kull parti tal-Ewropa bdew jidħlu f'dan il-moviment reliġjuż taħt il ħarsien ta' San Ġwann il-Battista u bdew jinġabru skond il-lingwa li kienu jitkellmu. Għalhekk, fil-bidu nsibu seba' lingwi prinċipali. Dawn kienu Provenza (li tagħmel parti minn Franza), Alvernja (li tagħmel parti mill-Ġermanja), Franza, Italja, Aragona u Navarre (li jagħmlu parti minn Spanja), Ingilterra, Skozzja u Irlanda (li kienu jiffurmaw lingwa waħda) u Ġermanja. Imbagħad fl-1492, il-Kavallieri tal-lingwi ta' Kastilja u l-Portugal infirdu minn ma' Aragona u b'hekk inħolqot it-tminn lingwa tal-Ordni. B'hekk il-lingwi kienu dawn: Provenza, Alvernja, Franza, Italja, Aragona, Kastilja, Ingilterra u Ġermanja.

L-Ordni, wara li tilef lil Ġerusalemm fl-1291, itrasferixxa ruħu f'Ċipru biex imbagħad, fl-1310, ħa f'idejh il-gżira ta' Rodi. Minn din il-gżira il-quddiem żviluppa ukoll f'qawwa Navali. Iżda l-Ordni ma kellux ix-xorti li jibqa' f'Rodi. Dan għaliex fl-1523, wara Assedju ta' sitt xhur, il-qawwa Ottomana għelbet lill-Kavallieri biex iċedu l-gżira ta' Rodi.

Għal seba' snin sħaħ, il-Gran Mastru L'Isle Adam u l-Ordni li huwa kien imexxi, ma kellhomx post



*Is-Salib abjad tat-Tmien Ponot: l-insinja tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann*

fiss fejn jgħammru sakemm fl-1530, l-Imperatur Spanjol Karlu V offra l-gżejjer Maltin lill-Kavallieri ta' San Ġwann. Matul il-268 sena li l-Kavallieri damu f'Malta, huma sebbħu lil dawn il-gżejjer b'diversi binjiet, fosthom knejjes, u palazzi. Xieraq jingħad ukoll li fl-1565, ħamsa u tletin sena biss wara l-miġja tiegħu f'Malta, l-Ordni ta' San Ġwann, flimkien mal-Maltin, kiseb rebħa fuq il-qawwa tal-Mislem fl-Assedju l-Kbir.

Fost il-binjiet sbieħ li l-Kavallieri ħallew fl-istorja ta' pajjiżna, nsibu l-Bereġ. L-iskop tal-Bereġ kien r-residenza jew kunvent fejn il-Kavallieri, skond il-lingwa rispettiva tagħhom, kienu jgħixu, jieklu u jorqdu. Dan sakemm ma kienx ikollhom propjetà privata wkoll. Iżda huma kienu fid-dmir li jitolbu u jippranzaw flimkien. Il-Bereġ li nsibu fil-Belt tal-Birgu, imwaqqfa fl-1530, kienu djar privati li ġew immodifikati biex ikunu jistgħu jintużaw mill-Kavallieri. Iżda fil-każ tal-Belt Valletta, inbnew Bereġ kbar u spazjużi għal tal-apposta biex jakkomodaw l-lingwi u l-membri tagħhom. Fost dawn il-Bereġ insemmu l-isbaħ u l-aktar waħda famuża li hija dik ta' Kastilja (li



ALVERNJA



KASTILJA



PROVENZA



FRANZA



ARAGONA



INGILTERRA




ITALJA



ĠERMANJA

llum użata bħala l-uffiċċju tal-Prim Ministru). Xieraq insemmu wkoll il-Berġa tal-Italja, fi Triq il-Merkanti (li llum tospita l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta) u l-Berġa ta' Provenza, fi Triq ir-Repubblika (li llum tospita fiha l-Mużew tal-Arkeoloġija). Fi Pjazza Indipendenza, dejjem fil-Belt Valletta, insibu l-Berġa ta' Aragona (li llum hija residenza tal-Ministeru tal-Finanzi). Din hi l-unika Berġa li għadha fl-istat oriġinali tagħha u tal-aħħar mas-swar tal-Belt, insibu l-Berġa Anglo-Bavariża (imsejħa l-Bavarja u llum utilizzata mid-Dipartiment għall-Immaniġġjar tal-Propjetà).

Sfortunatament, fl-1830, il-ħakma Ingliża waqqgħet l-Berġa tal-Ġermanja biex minflokha jinbena l-Kattidral Anglikan ta' San Pawl. Aktar tard, fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija u bil-ħidma tal-għadu, intilfet għal kollox il-Berġa ta' Alvernja fi Triq ir-Repubblika (fejn illum nsibu l-Qorti) u dik ta' Franza fi Triq Nofs in-Nhar (fejn illum hemm il-kwartieri tal-*General Workers Union*).

Ma' dawn il-binjiet, l-Ordni ħa ħsieb jibni l-Belt ta' Senglea fl-1554 u l-Belt Valletta fl-1566. L-Ordni ħa ħsieb ukoll li jiġu rrestawrati is-swar taċ-Ċittadella f'Għawdex u s-swar ta' l-Imdina ġew kważi mibnija mill-ġdid wara t-terremot ta' Jannar 1693.

Sfortunatament, l-Ordni kellu jerġa' jitlef id-domiċilju tiegħu fl-1798, meta l-qawwa navali Franċiża, mmexxija mill-Ġeneral Napuljun, daħlet fil-Port il-Kbir u b'daqqa ta' pinna keċċiet lill-Kavallieri minn Malta. Minn hawn l-Ordni sab kenn fl-ibliet ta' Messina, Katanja u Ferrara sakemm fl-1834 xtara żewġ vilel fil-Belt ta' Ruma fejn għadu sal-llum.

Illum il-ġurnata, għad li l-isem uffiċċjali ta' l-Ordni hu: 'Ordni Sovran Militari Ospidalier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm ta' Rodi u ta' Malta', ix-xogħol prinċipali reġa' sar dak ospidalier u dan jidher l-aktar fl-isptarijiet, ċentri mediċi, dipartimenti tal-*out patients*, u fl-ambulanzi tas-*Saint John*.

***Il-Bnadar tal-Lingwi***

Issa, wara ħarsa ħafifa lejn l-istorja glorjuża ta' dan l-Ordni ser naraw liema huma l-bnadar tat-tminn lingwi li kienu jiffurmaw parti kbira mill-membri tal-Ordni ta' San Ġwann.

Kull min din is-sena jiġi jżur l-Isla għall-festa ta' Marija Bambina, ser jara jittajru mar-riħ sett ġdid ta' tminn bnadar ikkuluriti u dawn fit-telgħa li twassal għad-daħla tal-Belt Sengleana. Dawn il-bnadar ser ikunu jżejnu d-daħla tal-Isla bi skop u ser ikunu mtellgħin bi ħsieb għaliex se jkunu armati skond il-preċedenza ta' kif twaqqfu il-lingwi. Il-bnadar tal-aktar żewġ lingwi antiki, ser jittajru ħdejn il-mina u dawk tal-aktar riċenti, jittajru fil-bidu tat-telgħa.

L-ewwel tnejn fejn il-mina insibu il-bandiera bajda b'salib isfar fuqha li tirrappreżenta lill-Kavallieri ta' Provenza, u faċċata tagħha nsibu l-bandiera ta' Alvernja li hi safra b'ħuta blu bl-aħmar. Iktar l-isfel warajhom, insibu l-bnadar tal-lingwi ta' Franza u ta' Kastilja li huma rappreżentati waħda blu bi tliet *fleur-de-lys* sofor u l-oħra, bandiera maqsuma b'erba' kaxxi tnejn bojod u tnejn ħomor alternati. Il-kaxxa l-bajda għandha iljun aħmar u l-kaxxa l-ħamra għandha torri isfar.

Iktar 'l isfel insibu żewġ bnadar oħra, waħda sewda bil-kliem ITALIA fuqha li ovjament tirrappreżenta lil-lingwa Taljana u maġenbha, il-bandiera Aragoniża, rappreżentata nofs faxxi sofor u ħomor u fuq in-nofs l-ieħor katina fuq sfond aħmar. U l-aħħar u mhux l-inqas il-bnadar ta' l-aktar żewġ lingwi riċenti li huma dik tal-lingwa Ġermaniża u dik Ingliża. Dawn huma, waħda b'ajkla sewda b'żewġ irjus inkurunati fuq sfond isfar u l-oħra maqsuma f'erba kwadranti ħomor u blu. Fuq il-kwadranti l-ħomor insibu tliet iljuni fuq xulxin u fuq il-kwadranti l-blu nsibu tliet *fleur-de-lys* sofor.

Filwaqt li dawn it-tmien bnadar qed isebbħu lill-Belt ta' Senglea fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina, Sidtna tal-Vittorji, qegħdin ifakkruna ukoll fill-parteċipazzjoni storika ta' din il-Belt Qatt Mirbuħa matul iż-żmien li fih l-Ordni Kavalleresk ta' San Ġwann ħakem fuq Malta.

*Anthony Caruana*